MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 886/1995/1

**Lorry sive Lawrence Cuschieri**

**v.**

**L-Onor. Ministru tal-Ambjent u d-Direttur tax-Xogholijiet in rapprezentanza tad-Dipartiment relativ; Sammy Meilaq bhala Chairman u in rappresentanza tal-Malta Drydocks Corporation; u b'digriet tal-14 ta' Jannar 1996 gie kjamat in kawza il-Ministru tal-Intern u b'digriet tal-25 ta' Ottubru 2004 Saviour Gauci f'isem il-Gvern bhala successur tal-Malta Drydocks assuma l-atti tal-kawza minflok il-Malta Drydocks**

**Il-Qorti:**

Dan huwa appell principali u appell incidentali minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Ottubru 1997 dwar talba ta' l-attur sabiex il-konvenuti, jew min minnhom, jigu dikjarati responsabbli u jigu kkundannati ihallsu kumpens ekwivalenti ghal dak li skond l-istess attur gie trattenut indebitament minghandu.

**Il-Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza huma, bazikament, is-segwenti:

1. L-attur kien impjegat mal-korporazzjoni konvenuta Malta Drydocks.

2. F'xi zmien huwa gie sekondat mal-Ministru ta' l-Intern, pero huwa xorta baqa' jircievi s-salarju, f'forma ta' *cheque* minghand il-korporazzjoni konvenuta.

3. Fil-5 ta' Jannar 1983, il-Ministru ta' l-Intern baghat ittra lill-attur fejn peress li isem l-attur kien issemma' in konnessjoni ma' xi atti ta' korruzzjoni, ordnalu johrog *"on forced leave"* b'effett immedjat sakemm l-attur jiehu il-passi kollha necessarji sabiex ismu jigi "cleared" u jkun hemm rizultat finali.

4. Fis-7 ta' Jannar 1983, il-Ministru ta' l-Intern rega' baghat ittra ohra lill-attur fejn infurmah li *s-secondment* tieghu mal-Gvern kien gie terminat u biex fl-10 ta' Jannar 1983 jirrapporta ghax-xoghol ghand il-korporazzjoni konvenuta.

5. Fl-10 ta' Jannar 1983, l-attur baghat lil Malta Drydocks certifikat tal-mard mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali u ma rrappurtax ghax-xoghol.

6. Dan ic-certifikat gie ritornat lill-attur mill-Malta Drydocks b'nota li tghid *"not applicable".*

7. L-attur baqa' ma dahalx ghax-xoghol.

8. Fl-1990, meta resaq ghall-eta` ta’ 61, l-attur applika fi skema tal-korporazzjoni konvenuta biex jiehu *early retirement scheme* u l-korporazzjoni accettat.

9. Il-proceduri kriminali kontra l-attur dwar allegazzjonijiet ta’ korruzzjoni inbdew fis-17 ta’ Marzu 1983, u l-attur gie liberat mill-akkuzi b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta’ Novembru 1999.

10. Is-salarju kollu tar-rikorrent gie mizmum b’effett mill-5 ta’ Jannar 1983 sa meta beda jircievi l-pensjoni. Matul dan il-perjodu kien kostrett ihallas kontribuzzjonijiet tas-Sigurta` Socjali tas-Self Employed.

11. Fit-2 ta’ Frar 1988, l-attur ghamel ilment lill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji.

12. Illi f’rapport ta’ l-14 ta’ Jannar 1993, din il-Kummissjoni iddecidiet li l-ilment ta’ l-attur kien gustifikat u rrakkomandat li l-Malta Drydocks thallas:

(a) nofs is-salarju baziku minimu tieghu (minghajr ebda “allowance” jew “premium”) mill-10 ta’ Jannar 1983 sad-data li beda jircievi l-pensjoni;

(b) id-differenza bejn il-kontribuzzjoni tas-Sigurta` Socjali li kellhom jigu mnaqqsa mis-salarju ta’ l-attur kieku thallsu l-ammont msemmija fil-paragrafu (a) u dawk li kien kostrett li jhallas ghall-perijodu bejn l-10 ta’ Jannar 1983 u d-data meta beda jircievi l-pensjoni.

Il-Kummissjoni rrakkomandat ukoll illi l-Ministru ta’ l-Intern ihallas lill-attur nofs is-salarju shih tieghu ghal-perijodu bejn il-5 ta’ Jannar 1983 u d-9 ta’ Jannar 1983.

13. Illi b’ittra tal-5 ta’ Ottubru 1994 (Dok F mac-citazzjoni) l-attur gie infurmat mill-ufficju tal-Prim Ministru li kien gie deciz illi huwa ghandu jithallas LM910 bhala paga dovuta lilu ghall-perjodu bejn il-5 ta’ Jannar u s-17 ta’ Marzu 1983 jigifieri sa meta l-Pulizija bdiet tiehu l-passi kriminali kontra tieghu.

14. Sussegwentement, l-attur ircieva c-cheque ta' LM910 kif kien gie lilu mwieghed mill-ufficju tal-Prim Ministru.

**Talbiet ta' l-Attur**

L-attur talab lill-ewwel Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghall-hlas ta' kumpens ekwivalenti ghal dak li gie trattenut indebitament minghandu;

2. tillikwida dan il-kumpens anke permezz ta' periti;

3. tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsuh is-somma hekk likwidata nieqsa mis-somma ta' LM910, gia, skond l-attur, imhallsa akkont.

Minn din is-sentenza appellat il-korporazzjoni konvenuta Malta Drydocks, fil-waqt li l-attur Lorry Cuschieri appella b'mod incidentali.

**L-Eccezzjonijiet**

Il-Malta Drydocks eccepiet illi:

"1. Fl-ewwel lok l-isem legali tal-korporazzjoni konvenuta huwa "Malta Drydocks". Inoltre ma jirrizultax mill-kopja tac-citazzjoni notifikata lill-Malta Drydocks min u meta giet prezentata.

"2. Illi in kwantu l-attur qed jitlob hlas ta' salarju din it-talba tinsab preskritta ai termini ta' l-artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili.

"3. Illi in kwantu diretti kontra l-Malta Drydocks it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fil-ligi billi l-attur ma giex sospiz mill-Malta Dryodkcs izda mill-Ministeru li mieghu kien issekondat.

“4. Illi ma huwa dovut ebda kumpens ta’ kwalsiasi natura mill-Malta Drydocks lill-attur.”

Il-Ministru ta’ l-Ambjent u d-Direttur tax-Xogholijiet eccepew illi:

“1. Illi l-esponenti mhumiex legittimi kontradittjuri stante li fil-perjodu in kwistjoni l-attur ma kienx impjegat la fil-Ministeru u lanqas fid-Dipartiment tal-esponenti, u, ghalhekk, ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

“2. Illi, effettivament, l-attur stess, flimkien mal-konkluzjonijiet tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji, jammetti li l-allegazzjoni u l-konsegwenti talbiet tieghu ghandhom ikunu diretti kontra l-Ministeru tal-Intern biss.
“3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.”

Il-kjamat in kawza l-Ministru ta’ l-Intern eccepixxa:

“1. Illi preliminarjament l-azzjon hija preskritta ai termini ta’ l-rtikolu 2147(c) tal-Kodici Civili.

“2. Illi inoltre u bla pregudizzju ghal premess it-talbiet ta’ l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana ghar-ragunijiet segwenti;

“(a) L-attur kien gie ordnat jirraporta lura ghax-xoghol fit-Tarzna b’effett mill-ghaxra (10) ta’ Jannar 1983 u ghalhekk se mai l-attur kien ‘on forced’ mill-Ministeru ta’ l-Intern ta’ dak iz-zmien mill-hamsa (5) ta’ Jannar 1983 sad-disgha (9) ta’ Jannar 1983 mhux kif qed jallega l-attur sa ‘-erbgha (4) ta’ April 1990.

“(b) Illi difatti l-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzja kif ikkwotata mill-attur stess f’Dok. C kienet irrakomandat lill-Prim Ministru fil-paragrafu 4-5 li l-esponenti ghandu jhallas lill-attur is-salarju shih tieghu mill-hamsa (5) ta’ Jannar 1983 sad-disgha (9) ta’ Jannar

1983 u mhux sa l-erbgha (4) ta' April 1990, kif qed jippretendi l-attur.

"(c) Illi meta l-attur irraporta 'sick' lill-Malta Drydocka Corporation fl-ghaxra (10) ta' Jannar 1983, kienet il-Malta Drydocks li ddecidiet li r-ritorn ta' l-attur biex jahdem maghha kellu jkun suggett ghall-leave bla paga sakemm hu jikklerja ismu u mhux l-esponenti.

"(d) Illi l-attur thallas is-somma ta' disa' mija u ghaxar liri (Lm910) konsistenti f'paga tal-perjodu mill-hamsa (5) ta' Jannar 1983 sas-sbatax (17) ta' Marzu 1983 u cioe` sad-data ta' meta nbdew il-proceduri kriminali kontra l-attur fuq decizjoni ta' l-Onorevoli Prim Ministru, kif fuq kollox kien qed jippretendi li ghandu jithallas originarjament l-istess attur."

**Is-Sentenza ta' l-Ewwel Qorti**

B'sentenza tas-27 ta' Ottubru 1997, l-Ewwel Qorti iddecidiet hekk:

**"Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talba ta' l-attur u tiddikjara lill-konvenut Malta Drydocks responsabbili ghall-hlas ta' kumpens ekwivalenti ghal LM18,884.65 bhala ammont trattenut indebitament lill-attur ghar-ragunijiet u ghal perjodu mitlub fic-citazzjoni u tikkundannhom jhallsu lill-attur is-somma hekk likwidata. Bl-ispejjez kontra l-konvenut Malta Drydocks. In vista ta' dak li nghad fuq, il-konvenuti l-ohra qed jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju spejjez ghalihom stante l-attur ma setghax jippreciza mill-bidunett minn kien responsabili ghal hlas mitlub."**

L-Ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li kkunsidrat is-segwenti:

"L-attur xehed li hu kien gie seconded mal-Public Works izda l-paga baqghet tohrog mid-Dockyard. Hu ma kienx gie sospiz mid-Dockyard izda mill-Ministeru ta' l-Intern li kien ordna lid-Dockyard biex ma jhallsuhx il-paga.

“Hu pprezenta d-dokument LC 1 a fol 37 dwar in-nuqqas ta’ paga li jippretendi li ghandu jithallas. Hu kien spicca on forced leave bla paga mill-hamsa (5) ta’ Jannar, 1983 u kieku baqa’ impjegat sakemm irtira kien jiehu s-somma ta’ Lm38,864. Hu kien jiehu pensjoni ta’ wiehed u sittin (61) fl-ammont Lm66.54.0 per week. Kien hallas Lm1673.50 bolla (Dok LC 2) li d-Dockyard ma kienux hallsulu.

“In kontroezami wiegeb li wara li kien imgieghel johrog on forced leve hu kien ircieva ittra datata sebgha (7) ta’ Jannar, 1983 biex jirritorna d-Dockyard minn fejn gie seconded. Hu ma kienx dahal lura ghax-xoghol fl-ghaxra (10) ta’ Jannar, 1983 u baghat certifikat mediku lid-Dockyard li kien sick. Dan ic-certifikat gie ritornat mid-Dockyard bhala ‘not applicable’ ara Dok X1 u X2. (fol 50/51). Meta gie biex jaghlaq wiehed u sittin (61) sena d-Dockyard kienu ghamlu retirement scheme u hu kien applika u d-Dockyard accettawh u irtira mid-Dockyard. Fl-1990 hu kie irrifjuta proposta tad-Dockyard dwar early retirement jekk hu jiffirma li ma jfittixhomx. Hu kien fittex rimedju mill-Kummissjoni ghall-Ingustizzji u dawn tawh ragun izda mhux rimedju bizzejjed. Il-Ministeru tal-Intern kie tah biss t’a xahrejn paga.

“Emanuel Sammut xehed li kien establishment secretary fiz-zmien in kwistjoni. L-attur kien gie seconded mid-dockyard ghal Ministeru tal-Intern. Hu ma kienx publi cofficer u ma kienx jithallas mill-Consolidated Fund bhal public officers l-ohra. Jista jkun li l-Gvern kien ihallsu u d-dockyard jigi debited. Huma ma kienux jafu li l-attur kien gie seconded mal-Ministeru tal-Intern. Hu ma jafx kif il-Ministeru tal-Intern kien issospenda lill-attur u lanqas dahlu f’dina l-kwistjoni. Lanqas ma jaf kif il-Gvern hallas parti mis-somma likwidata mill-Kummissjoni dwar l-Ingustizzji.

“Il-konvenut Malta Drydocks eccepixxa li l-isem legali tal-konvenut hu “Malta Drydocks” u li ma jirrizultax mill-kopja tac-citazzjoni min u meta giet prezentata c-citazzjoni.

“Dwar dina l-eccezzjoni, apparti l-fatt li l-konvenut bl-ebda mod ma issostanzja l-eccezzjoni tieghu, jirriulta mic-citazzjoni (ara fol 5) li dina giet prezentata mill-attur fil-hamsa (5) ta’ Lulju 1995.

“Il-konvenut Malta Drydocks u l-konvenut Ministru ta’ l-Intern eccepew il-preskrizzjoni ta’ sena dwar hlas ta’ salarju taht l-artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili.

“Dwar dina l-eccezzjoni l-Qorti tirrileva li t-talba ta’ l-attur hija fis-sens li l-konvenuti jigu dikjarati responsabbli ghal hlas ta’ kumpens ekwivalenti ghal dak li gie trattennut indebitament minghand l-attur. It-talba evidentement mhiex ghal hals ta’ salarju ghalhekk dina l-preskrizzjoni ma tapplikax ghla kaz in ezami u konsegwentement l-eccezzjoni qed tigi michuda.

“Fil-mertu l-konvenut Malta Drydocks qed tissottometti li n-kwantu t-talba hija diretta konta taghhom l-attur ma giex sospiz mill-Malta Drydocks izda mill-Ministeru li mieghu kien sekondat.

“Il-konvenut Ministru tal-Ambjent issotometta li hu mhux il-legittimu kontradittur billi l-attur ma kienx impjegat mal-Ministeru izda mal-Ministeru tal-Intern.

“Il-konvenut Ministru ta’ l-Intern issottometta li hu hallas dak li gie suggerit li jhallas mill-Kummissjoni dwar l-Ingustizzji u li l-attur kien impjegat mal-Malta Drydocks li kienet iddecidiet li r-ritorn ta’ l-attur biex jahdem maghha kellu jkun suggett ghall-leave bla paga sakemm hu jikklerja ismu.

“Kwantu ghal kwistjoni dwar min hu responsabbli ghal hlas ta’ dak li qed jitlob l-attur, jigi rilevat li ghalkemm l-attur kien gie sekondat mal-Ministeru ta’ l-Intern, hu baqa’ inadempjenti mal-Malta Drydocks u spicca bil-pensjoni minn maghhom. Is-sekondment li kellu l-attur mal-konvenut Ministeru ta’ l-Intern kien gie terminat ingustament u fil-fatt wara dawn hallsuh is-somma ta’ Lm910 ghal-perijodu mill-hamsa (5) ta’ Jannar, 1983 sas-

sbatax (17) ta' Marzu, 1983 cjoe d-data meta bdew il-proceduri kriminali kontra l-attur.

"Izda kien il-konvenut Malta Drydocks li kompla jirrifjuta ngustament li jaccetta li l-attur jirritorna lura ghax-xoghol sakemm hu jikklerja ismu, u l-attur kien baqa' sospiz bla paga mid-Drydocks.

"Illi ghalhekk il-konvenut Malta Drydocks hu responsabbili ghall-pagament li qed jitlob l-attur.

"Kwantu ghall-ammont tal-paga li l-attur kien jircievi kieku baqa' jahdem normali bla ma gie sospiz, gie prezentat dokument LC 1 a fol 37. L-attur spicca on forced leave bla paga mill-hamsa (5) ta' Jannar, 1983 u kieku baqa' impjegat sakemm irtira, erbgha w ghoxrin ta' Dicembru, 1990 (24/12/90), kien jiehu s-somma ta' Lm38,864. Hu kien jiehu pensjoni ta' wiehed u sittin (61) fl-ammont ta' Lm66.54.0 per week. Hu hallas ukoll Lm1673.50 bolla (Dok LC 2) li d-Dockyard ma kienux hallsulu. Dawn l-ammonti, bhala ammonti, ma gewx kontestati.

"L-attur qed jitlob kumpens ekwivalenti ghall dak li gie trattenut indebitament lilu. Jigi rilevat li sal lum ma jidhirx li l-attur ghadu kklerja ismu fil-proceduri kriminali – almenu fil-process ma hemmx prova f'dana s-sens. Il-Kummissjoni dwar l-Ingustizzji sabet biss li saret ingustizzja fil-konfront tieghu dwar is-sospenzjoni tieghu bla paga, izda dwar l-allegazzjoni originali fuq korruzzjoni, dina tidher li ghada mhiex risoluta. Ghalhekk l-attur ma jistax jippretendi li jiehu l-kumpens ekwivalenti ghal full pay, izda ghandu dritt ghal nofs is-salarju baziku mill-ghaxra (10) ta' Jannar, 1983 sad-data li beda jircievi l-pensjoni. Lanqas ma jista jippretendi li jiehu allowance u premiums. Dwar il-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` l-attur ghandu jehel is-sehem tieghu cioe` nofs dawn il-kontribuzzjonijiet.

"Ghalhekk il-Qorti tillikwida l-ammont ta' kumpens dovut lill-attur b'dan il-mod:

½ Lm36.991 + Lm925 = Lm18,958

½ Lm1673.30 = Lm836.65
Total Lm19,794.65
Tnaqqas Lm910 li gja rcieva
B'Kollox Lm18,884.65."

Minn din is-sentenza appellat kemm il-Korporazzjoni Malta Drydocks b'appell principali kif ukoll l-attur Lorry Cuschieri b'appell incidentali.

**L-Appell Principali tal-Korporazzjoni Konvenuta Malta Drydocks**

L-aggravji tal-Malta Drydocks huma bazikament erba':

(1) illi l-ewwel Qorti kellha tilqa' l-eccezzjoni taghha tal-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili;

(2) subordinatament ghal dan l-aggravju, fir-rikors ta' l-appell hija eccepiet ulterjorment illi l-azzjoni attrici hija f'kull kaz preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili;

(2) illi l-ebda kumpens ma huwa dovut lill-attur mill-Malta Drydocks, stante li l-attur kien u baqa' responsabbilita` tal-Ministru ta' l-Intern, li mieghu kien gie sekondat;

(4) illi l-Malta Drydocks qatt ma zammet lill-attur milli jidhol lura ghax-xoghol.

**L-Appell Incidentali ta' l-attur Lorry Cuschieri**

Min-naha l-ohra l-attur Lorry Cuschieri appella incidentalment inkwantu:

(1) skond hu l-ewwel Qorti ma kellhix takkordalu danni ekwivalenti ghal nofs is-salarju tieghu, izda kellha takkordalu danni ekwivalenti ghas-salarju shih tieghu; u

(2) fl-ipotezi li l-Qorti ta' l-Appell tillibera lill-Malta Drydocks, huwa talab li tigi revokata s-sentenza tal-ewwel Qorti inkwantu lliberat lill-konvenuti l-ohra mill-osservanza tal-gudizzju, tichad l-eccezzjonijiet taghhom u tilqa' d-domandi tieghu fil-konfront taghhom jew min minnhom.

***L-Ewwel Aggravju ta' l-Appell Principali – Preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili***

Fl-ewwel lok, il-korporazzjoni konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili li jippreskrivi illi fost l-azzjonijiet li jaqghu bi preskrizzjoni ta' sena hemm: *"l-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni ohra imhallsin bix-xahar, ta' l-artigjani jew tal-haddiema bil-gurnata ghall-hlas tal-granet tal-pagi, salarji jew tal-forrnituri li jkollhom jiehdu."*

*Kompatibilita` ta' eccezzjonijiet.*

Fl-udjenza tat-12 ta' Gunju 2000, l-avukat Dott. Ian Refalo ghall-appellat Cuschieri talab li tigi deciza preliminarjament il-kwistjoni ta' l-inkompatibilita` ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma' l-eccezzjoni ta' l-inezistenza tal-kreditu. Ghal diversi ragunijiet li ma humiex aktar relevanti – stante li l-partijiet issa ttrattaw l-appell kollu kemm hu fl-udjenza tal-25 ta' Ottubru 2004 u l-appell baqa' ghas-sentenza fuq kollox – dan il-punt baqa' ma giex deciz minn din il-Qorti diversament komposta.

Fuq dan il-punt jidher li kien hemm xi ftit ta' konflitt fil-gurisprudenza, pero` fis-sentenza **Giuseppe Schembri v. Giuseppe Chircop** deciza fl-14 ta' Jannar 1955 (Vol. XXXIX-1-54), il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi fis-sistema legali Maltija l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija kompatibbli ma' l-eccezzjoni ta' l-inezistenza <u>totali</u> tad-debitu. Il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi: *"(L)-gurisprudenza taghna l-aktar ricenti (Kollez. Vol. XXVIII-I-297[1]; Vol. XXX-I-976[2]; Vol.*

[1] **Filippo Borg v. Filippo e Loreta coniugi Saliba ed**, 23 ta' Mejju 1932.
[2] **Maria Psaila v. Carmelo Giordimaina**, 14 ta' Jannar 1939.

*XXXII-I-961*[3] *u Vol. XXXIV-I-329*[4]*) ma ghadhiex tammetti t-teorija li l-preskrizzjonijiet brevi, bhal dik in ezami, huma bazati fuq il-prezunzjoni tal-pagament, ghaliex il-gurament li l-eccipjent jigi msejjah jiehu mhux dak li hu hallas, izda li mhux debitur, u ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni brevi hija kompatibili ma' eccezzjonijiet ohra li jwasslu ghall-konsegwenza li l-eccipjent mhux debitur."* (ara wkoll fl-istess sens **Alex Caruana v. Joseph Vassallo** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-11 ta' Dicembru 1978). Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni ghaliex il-formula tal-gurament preskritta fil-Kodici taghna ghal preskrizzjonijiet qosra hija diversa mill-formola tal-gurament preskritta fil-kodici Taljan u dak Franciz, u ghalhekk fis-sistema tal-Kodici taghna, l-eccezzjoni tal-kontestazzjoni tad-debitu mhix inkompatibbli ma' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Fil-fatt, fis-sentenza **Amadeo Wismayer v. Ugo Naudi** deciza fil-5 ta' Frar 1932, il-Qorti ta' l-Appell osservat hekk: *"Che contrariamente a quanto opino la prima Corte basandosi sul giudicato di questa Corte profferito il 25 febbraio 1925 in re "Chircop versus Azzopardi" (Collezione Volume XXIV, Parte I, pagina 353), e da prescegliere la giurisprudenza contraria che, considerando aver l'articolo 1924 dell'Ordinanza No. VII del 1868, dissimile da quello 2142 del Codice Civile Italiano e 2275 del Codice Civile Francese, stabilito una formola tutta propria del giuramento da deferirsi a coloro che oppongono le prescrizioni brevi per cui essi non possono validamente dare una tale eccezione se con giuramento non dichiarino di non essere debitori o di non ricordarsi che la cosa sia stata pagata, mentre la formola del giuramento adottata nei detti codici continentali fa qualificare quella prescrizione come presuntiva del pagamento del debito, ritenne che il giuramento di non essere debitore puo estendersi anche al caso che la obbligazione non sia mai esistita e che percio` si possa eccepire la prescrizione compatibilmente con la contestazione del debito (Appello: "Portelli versus Barbara" 20 aprile 1910 Collezione XXI-I-200; "Caruana Mamo versus Mifsud Speranza" 16 maggio 1925; e*

---

[3] Is-sentenza ma instabitx. Probabbilment ir-riferenza tal-pagna/ volum hija hazina ghaliex l-ewwel parti tal-volum tasal sa' circa pagna 700.

[4] **Costantino Balzan et v. Carmelo Chetcuti et**, 3 ta' Frar 1950.

*"Fenech versus Bugeja", 10 aprile 1926, Vol. XXVI, I, sezione 3, pagine 255 e 300)."*

Izda jekk, mill-banda l-ohra, wahda mill-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut tkun dik tal-kompensazzjoni jew li l-ammont reklamat mill-attur ma jkunx dovut lilu fl-ammont minnu mitlub (u ghalhekk f'xi ammont anqas), allura jkun hemm rinunzja tacita tal-preskrizzjoni b'mod li jkun hemm inkompatibbilita` bejn l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u li l-ammont mitlub mhux dovut. Hekk, per ezempju, fis-sentenza **Peter Busuttil v. Public Broadcasting Services Limited**, deciza minn din il-Qorti, sede Inferjuri, fit-28 ta' April 2004, inghad hekk:

**"Din il-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-indirizz segwit fil-precitati decizjonijiet u anzi hi wkoll tammetti bhala proposizzjoni guridika korretta t-teorija propunjata minn awturi bhal Aubry et Rau (Vol. VIII para 776) u t-Troplong ("Prescrizione" no. 67) illi *'quando il debitore senza negare in sostanza di essere tale, si limita a discutere ed impugnare l'ammontare dovuto, vi ha rinunzia tacita alla prescrizione'*. Kif manifest minn dawn is-sentenzi, jezistu sitwazzjonijiet fejn il-preskrizzjoni eccepita ma jibqalha l-ebda valur meta din takkompanja eccezzjoni ohra li maghha hija nkonciljabbli u nkompatibbli. Dan jigri, tipikament, fejn, bhal fil-kaz de quo, l-attitudini tad-debitur ma tkunx dik tad-difiza tal-inezistenza tad-debitu…jew tac-cahda tad-dritt u l-azzjoni tal-attur izda tas-semplici kontestazzjoni tal-ammont. Konformement bhal fil-kaz tal-eccezzjoni tal-kompensazzjoni, eccezzjoni konsimili timporta rikonjizzjoni tad-dejn u dan ir-rikonoxximent jinterrompi l-preskrizzjoni, u jimporta wkoll rinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun gia kompjuta…Minn dan kollu kommentat u fuq l-iskorta tal-gurisprudenza prevalenti, li tidher ukoll li hi wahda kostanti, jista' ragjonevolment jinghad illi bil-mod kif wiegbet is-socjeta` appellanti fl-eccezzjoni primarja taghha hi giet li kienet qed taghraf li ghandha taghti, ghalkemm mhux l-ammont kif mitlub u pretiz mill-attur. B'hekk b'dan il-mod jista' jigi konkluz illi l-preskrizzjoni kienet qed tigi interrotta jew rinuznjata."**

F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza taghha (b'komposizzjoni differenti) fl-ismijiet **Aluminium Limited v. Earli Limited**, deciza fis-16 ta' Frar 2004.

Fid-dawl ta' dan kollu, ma hemm l-ebda konflitt bejn l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni moghtija mill-korporazzjoni konvenuta appellanti u l-eccezzjonijiet l-ohra minnha moghtija. In partikolari, ir-raba' eccezzjoni kienet li ma hu dovut assolutament xejn minnha lill-attur, u mhux li xi haga kienet dovuta izda f'xi ammont anqas.

*In-natura ta' l-azzjoni.*

L-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili ghaliex irriteniet illi din l-eccezzjoni ma hix applikabbli ghal kaz odjern, stante li t-talba attrici mhix *"ghall-hlas ta' salarju izda ghal hlas ta' kumpens ekwivalenti ghal dak li gie trattenut indebitament minghand l-attur"*.

Kif gie ritenut fis-sentenza **Frank German v. Domenico Azzopardi** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-18 ta' Jannar 1950 *"(L)-indoli ta' l-azzjoni tigi desunta mhux tant mill-kliem piu` o meno ezatti tal-att istituttiv tal-gudizzju, imma mill-iskop illi ghalih huwa intiz il-gudizzju* (Kollezz Vol. XXXIVB-III-746[5], ara wkoll fl-istess sens, **Generoso Cutajar v. Emmanuele Cutajar** deciza fit-22 ta' Ottubru 1953; **George Muscat v. Carmelo Zammit** deciza fis-26 ta' April 1961 Vol. XLV-II-652; **Gaetano Farrugia v. Philip Magri** deciza fil-11 ta' Frar 2004 mill-Qorti ta' l-Appell (Inferjuri)). Minn dan isegwi li ghall-finijiet ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-korporazzjoni konvenuta huwa necessarju li ssir indagini dwar il-vera natura ta' l-azzjoni li qieghda tigi ezercitata mill-attur.

Fil-premessi tac-citazzjoni, l-attur jghid illi skond hu *"hija dovuta lill-esponent, in linea ta' kumpens ghan-nuqqas ta' salarju trattenut indebitament, somma ekwivalenti ghas-*

[5] Konfermata fl-Appell, Appell kumercjali tat-2 ta' Mejju 1950

*salarju, jew ghall-inqas nofs is-salarju li kien jircievi fil-perjodu kollu"* mid-data tas-sospensjoni sad-data li fiha spicca mix-xoghol bil-pensjoni. Konsegwentement huwa talab lill-ewwel Qorti tiddikjara lill-konvenuti *"responsabbli ghall-hlas ta' kumpens ekwivalenti ghal dak li gie trattenut indebitament minghand l-attur."* Fit-trattazzjoni ta' l-appell l-avukat difensur ta' l-attur insista li din ma kinitx kawza ghal hlas ta' salarju izda ghal hlas ta' danni derivanti minn ingustizzja. Ghalhekk jidher li l-attur qieghed jippretendi li qieghed jesperixxi kawza ghal danni delittwali a bazi tad-decizjoni tal-Kummissjoni ta' l-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, stante li skond hu kull malamministrazzjoni taghti lok ghad-danni.

L-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili jiddisponi illi: *"Kull min, bil-hsieb jew minghajr il-hsieb li jaghmel danni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk."* Skond id-dottrina kontinentali, sabiex ikun hemm dritt ghal indenniz ghad-danni dak l-att irid ikun jikkonsisti f'att illecitu illi effettivament jikkaguna dannu lill-attur. Fi kliem iehor, il-fatt irid ikun jikkostitwixxi *injuria*, cioe` ikun *non iure* jew ahjar *contra ius*. Fil-fatt **Laurent** jghid hekk (**Diritto Civile** Vol. XX pag. 308): *"Bisogna pero guardarsi dal credere che la <u>lesione</u> consista nel <u>danno</u> che deriva da un fatto; il danno e uno solo degli elementi del fatto dannoso, esso solo non basta, ma vi bisogna ancora che un <u>diritto</u> sia <u>leso</u>."*

Ghaldaqstant, sabiex jista' jinghad illi fatt huwa illecitu, irid jigi ppruvat illi gie vjolat dritt tad-danneggjat li huwa protett mil-ligi, u li konsegwentement id-danneggjant naqas mill-obbligu tieghu li jirrispetta dak id-dritt. Fill-fatt l-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili jaghmilha cara li huwa biss *"Kull min, … … jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi…"* li huwa responsabbli ghad-danni.

Huwa biss meta l-awtur tal-fatt ikun ikkommetta ksur ta' *"xi dmir impost mil-ligi"* li jistgha jinghad illi l-fatt huwa ingust. **De Cupis** (**Il Danno** (2 ed) Vol I pag. 67) jispjega illi *"Danno <u>ingiusto</u>: vale a dire, prodotto da atto umano*

*antigiuridico, e antigiuridicita` significa contrarieta` a specifiche norme e principi di diritto, cui l'art. 2043 automaticamente rinvia nel mentre stabilisce la sanzione del danno arrecato in violazione di esse."*

Ghalhekk, fis-sistema legali Maltija, id-danneggjat irid mhux biss jipprova il-fatt dannuz, izda wkoll li dan il-fatt dannuz ivvjolalu xi dritt sancit mil-ligi. Ma jistax jinghad li kull "ingustizzja" tati lok ghar-rizarciment tad-danni, izda huma biss dawk l-ingustizzji li jaghtu lok ghal vjolazzjoni ta' xi dritt protettt mil-ligi li jinvolvu r-responsabbilita` tad-danneggjant ghall-indenniz tad-danni.

Il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji imwaqqfa permezz ta' l-Att XV ta' l-1987 kellha l-funzjoni li *"tinvestiga kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja …"* (Artikolu 6) u ma kellhiex gurisdizzjoni li tinvestiga u tiddeciedi jekk giex vjolat xi dritt protett mil-ligi tal-persuna li tkun ressqet l-ilment. Fil-fatt fil-kaz **Eddie Cachia v. Dr. Joseph Galea Debono et** deciza fil-21 ta' Mejju 1993, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, osservat hekk: *"Il-Kummissjoni ma tiddetermina ebda dritt jew obbligu fil-konfront tac-cittadin izda tinvestiga biss jekk indipendentement minn dak id-dritt jew obbligu, l-awtorita` kienet influenzata minn xi pregudizzju, u fil-kaz li jirrizulta dak il-pregudizzju, taghmel ir-rakkomandazzjoni taghha. Rakkomandazzjoni qatt ma tista tigi kunsidrata li ghandha l-forza ta' sentenza pronunzjata minn Qorti kompetenti li tiddetermina l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi. Rakkomandazzjoni ghandha biss l-aspett ta' parir lill-awtorita` superjuri …".*

Konsegwentement, il-konkluzjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji ma tistax tikkwalifika bhala prova ta' ksur ta' xi dritt, jew, fi kliem iehor, bhala prova ta' fatt illecitu, u konsegwentement ma tistax taghti lok ghal xi indenniz taht id-disposizzjonijiet il-Kodici Civili. Isegwi, ghalhekk, illi in kwantu l-attur qed jissottometti li l-azzjoni tieghu hija wahda ta' rizarciment ghad-danni naxxenti mill-ingustizzja ravvizata mill-Kummissjoni, l-azzjoni tieghu hija insostenibbli.

Pero, kif diga' nghad, il-vera natura ta' azzjoni ghandha tigi determinata mhux tant mill-kliem ta' l-att istituttiv tal-gudizzju, imma mill-iskop illi ghalih huwa intiz il-gudizzju. Illi anki minn semplici qari tal-premessi fic-citazzjoni u tat-talbiet wiehed malajr jirrealizza illi l-iskop li ried jilhaq l-attur huwa dak li jithallas tas-salarju li ma inghatax matul il-perjodu li hu gie mqieghed f'*"forced leave"* sakemm irtira. Fil-fatt, quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji l-attur ilmenta mill-fatt illi hu kien gie sospiz minghajr paga u talab lill-Kummissjoni wiehed minn zewg rimedji (ara decizjoni tal-Kummissjoni a fol 69 tal-process):

(a) li jerga' jiddahhal ghax-xoghol bl-arretrati, jew

(b) li jithallas nofs il-paga mid-data tas-sospensjoni tieghu sakemm tigi deciza l-akkuza.

Billi l-Prim Ministru ma ezegwiex fit-totalita` taghha r-rakkommandazzjoni tal-Kummissjoni u hallas biss parti mill-ammont ta' salarju, huwa naturali li l-attur qed jispera illi bl-azzjoni odjerna jirnexxielu jottjeni l-hlas tar-rimanenti bilanc tas-salarju. Fil-fatt huwa jikkonkludi l-istess premessi fic-citazzjoni tieghu billi jghid illi hu *"ghadu kreditur fis-somma bilancjali, dovuta mill-konvenuti jew min minnhom,"* (sottolinear ta' din il-Qorti) – l-uzu tal-kelma *"bilancjali"* tista' tirreferi biss ghal bilanc tas-salarju likwidat fir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni. Inoltre, fit-tielet talba jitlob li l-konvenuti ihallsuh somma likwidata mill-qorti *"nieqsa is-somma ta' LM910 ga mhallsa akkont"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Apparti l-kwistjoni jekk fil-fatt LM910 gewx imhallsin akkont jew le, jibqa' l-fatt li l-attur jista' biss jikkunsidrahom bhala mhallsin akkont ta' l-ammont ta' salarju likwidat favur tieghu fir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni.

Ghalhekk jidher li fil-verita` l-azzjoni intentata mill-attur hija fis-sustanza wahda ghall-hlas tas-salarju li gie lilu mizmum, kawza ta' decizjoni li skond hu kienet "ingusta".

*Preskrizzjoni*

Kif diga' nghad, il-korporazzjoni appellanti qieghda teccepixxi fl-ewwel lok il-preskrizzjoni ta' sena ai termini ta' l-Artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili. L-attur qieghed jippretendi salarju jew ghall-inqas nofs is-salarju mid-data tas-sospensjoni, cioe` mill-5 ta' Jannar 1983 sad-data li fiha huwa spicca mix-xoghol bil-pensjoni, cioe` sa' l-4 ta' April 1990. Mic-citazzjoni jidher li l-unika ittra ufficjali ntbaghtet mill-appellat fil-5 ta' Gunju 1995, u ghalhekk snin wara li l-perjodu preskrittiv kien skada.

*Rikonoxximent tad-debitu jew ksur tal-preskrizzjoni.*

Fir-risposta ta' l-appell tieghu, l-appellat jargumenta illi l-preskrizzjoni giet miksura billi kien hemm rikonoxximent tad-debitu, meta l-Prim Ministru in ezekuzzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Kontra l-Ingustizzji li attribwiet il-htija lill-Malta Drydocks, hallas lill-appellat is-somma ta' LM910 fit-30 ta' Dicembru 1994. Dan l-argument ma huwiex sostenibbli ghas-segwenti ragunijiet:

Fl-ewwel lok, in vista tal-konsiderazzjonijiet maghmula izjed 'l fuq dwar il-funzjoni tal-Kummissjoni u r-rakkomandazzjonijiet taghha, dan il-pagament ta' LM910 ma jista' qatt jitqies li huwa rikonoxximent ta' xi dritt ta' l-appellat, izda semplicement pagament *ex gratia,* li mhux sufficjenti sabiex jikser xi preskrizzjoni.

Fit-tieni lok, l-Artikolu 2134 jippreskrivi illi *"Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi hlas akkont tad-dejn maghmul mid-debitur innifsu jew minn wiehed li jkun jidher ghalih"* – fit-test ingliz *"acting in his behalf."* Il-pagament la sar mid-*"debitur innifsu"*, cioe` ma sarx mill-Korporazzjoni appellanti, u lanqas sar minn xi persuna li kienet qieghda tidher ghall-Korporazzjoni. Fil-fatt fl-ittra mahruga mill-ufficju tal-Prim Ministru tal-5 ta' Ottubru 1994 (Dok BZ a fol. 72 tal-process) u indirizzata lid-Direttur tat-Tezor jinghad testwalment: *"The Prime Minister has seen the Commission's <u>report</u> and it has been approved that Mr. Cuschieri be paid the amount of LM910 withheld salary for the period 5 January to 17 March 1983."* L-istess kliem, pero` maqlub fil-lingwa Maltija, intuza fl-ittra li ggib l-istess

data mibghuta mill-Ufficju tal-Prim Ministru lill-attur appellat (Dok E a fol. 10 tal-process). Imkien f'dawn iz-zewg ittri ma jinghad l-Prim Ministru qieghed jaghmel dan il-hlas ukoll fl-interess tal-Malta Drydocks.

Inoltre, irid jigi rilevat li l-Kummissjoni dwar l-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji kienet irrakkomandat li *inter alia* l-Ministru ta' l-Intern ihallas lill-attur appellat nofs is-salarju ghall-perjodu bejn il-5 ta' Jannar 1983 u d-9 ta' Jannar 1983, fil-waqt li l-Malta Drydocks thallsu nofs is-salarju mill-10 ta' Jannar sad-data li fiha beda jircievi il-pensjoni. Pero` jirrizulta li l-hlas li ghamel il-Prim Ministru ghall-perjodu mill-5 ta' Jannar 1983 sas-17 ta' Marzu 1983 kien ghas-salarju fl-intier tieghu. Ghalhekk jidher li l-likwidazzjoni ta' dan il-hlas mill-ufficju tal-Prim Ministru ma saritx skond ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni.

Konsegwentement ma jistax jinghad li kien hemm xi rikonoxximent ta' xi debitu min-naha tal-Korporazzjoni konvenuta jew ksur tal-preskrizzjoni.

Ghalhekk, dan l-aggravju u konsegwentement it-tieni eccezzjoni tal-Korporazzjoni konvenuta appellanti rigwardanti l-preskrizzjoni skond l-Artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili ghandu jigi milqugh, u in vista ta' dan ma hemmx lok li jigu kkunsidrati l-aggravji l-ohra tal-korporazzjoni konvenuta.

***L-Aggravji ta' l-Appell Incidentali***

Fl-ewwel aggravju tieghu, l-attur appellat jilmenta li l-ewwel Qorti kellha tikkundanna lill-korporazzjoni appellanti thallsu s-salarju fl-intier tieghu, u mhux nofs is-salarju biss. In vista tal-fatt li t-talba ta' l-attur appellat kontra il-Korporazzjoni konvenuta tinsab preskritta, mhux necessarju li jigi kkunsidrat dan l-aggravju.

Fit-tieni aggravju tieghu, l-attur appellat jissottometti li jekk il-Malta Drydocks tigi liberata – kif fil-fatt sejra tigi liberata – allura huwa jitlob ir-revoka tal-liberazzjoni tal-konvenuti l-ohra, sabiex dawn jigu dikjarati responsabbli ghall-hlas ta' dak minnu reklamat. Fi kliem iehor, huwa qieghed

jitlob li tigi revokata dik il-parti tad-decizjoni li biha gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju l-Ministru ta' l-Ambjent, id-Direttur tax-Xogholijiet u l-Ministru ta' l-Intern.

L-ewwel Qorti illiberat lil dawn il-konvenuti ghaliex irriteniet illi l-Korporazzjoni konvenuta Malta Drydocks biss kienet responsabbli "ghall-pagament li qed jitlob l-attur". Ghalhekk irid jigi determinat min hu, jew setgha kien, responsabbli ghall-pagament li qed jitlob l-attur.

Mill-provi jirrizulta illi l-attur kien impjegat tal-Korporazzjoni konvenuta. Ghalkemm hu gie sekondat mal-Ministeru ta' l-Intern, huwa xorta baqa' impjegat tal-Korporazzjoni konvenuta, u is-salarju tieghu kien jircevieh bhala cheque minghand l-istess Korporazzjoni. Huwa spicca minn impjegat maghha fl-eta ta' 61 meta applika biex jiehu l-*early retirement scheme* u l-Korporazzjoni accettat. Ghalhekk ma jirrizultax li f'xi stadju l-attur appellat kien gie impjegat bhala ufficjal pubbliku mal-Gvern.

Ghar-ragunijiet spjegati izjed 'l fuq, fis-sustanza taghha din hija azzjoni ghal hlas ta' salarju, u ghalhekk din l-azzjoni tista' tigi diretta biss kontra l-principal ta' l-attur appellat. Ladarba l-attur appellant qatt ma kien ufficjal pubbliku, huwa qatt ma jista' jippretendi hlas ta' salarju jew ammonti ohra minghand il-Ministru tal-Ambjent, id-Direttur tax-Xogholijiet jew minghand il-Ministru ta' l-Intern. Konsegwentement anke dan it-tieni aggravju fl-appell incidentali qed jigi respint.

***Decizjoni***

Ghall-motivi premessi din il-Qorti, filwaqt li tichad l-appell incidentali tal-attur Lorry sive Lawrence Cuschieri, bl-ispejjez relattivi kontra tieghu, tilqa' l-appell principali tal-Korporazzjoni konvenuta Malta Drydocks u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi (1) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn laqghet it-talba ta' l-attur u ddikjarat lill-konvenut Malta Drydocks responsabbli ghall-hlas ta' kumpens ekwivalenti ghal Lm18,884.65 bhala ammont trattenut indebitament lill-attur ghar-ragunijiet u ghall-perjodu mitlub fic-citazzjoni, kif

ukoll thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-istess Korporazzjoni thallas lill-attur is-somma hekk likwidata, kif ukoll fejn ikkundannatha thallas l-ispejjez, u minflok tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-Malta Drydocks u tichad it-talbiet attrici in kwantu diretti kontra l-istess Malta Drydocks, bl-ispejjez relattivi taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat, u (2) tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn il-konvenuti l-ohra, inkluz il-kjamat in kawza, gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez tal-ewwel istanza ghalihom. Kwantu ghall-ispejjez ta' dawn il-konvenuti l-ohra, inkluz il-kjamat fil-kawza, relattivi ghal din l-istanza ta' appell, dawn ghandhom jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------